MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2010

Numru 9/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Ebrahim Alhamow sive Ibrahim Alhmou**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 9 tas-sena 2009 kontra l-akkuzat Ebrahim Alhamow sive Ibrahim Alhmou, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi EBRAHEM ALHAMOW sive IBRAHIM ALHMOU u l-vitma Ismail Ebdou Abod kienu ħbieb. Għal ħabta t'April 2007, il-vitma, Ismail Ebdou Abod (minn hawn il-quddiem magħruf sempliċiment bħala "Ismail") kien silef xi flus lil Ebrahem Alhamow sive Ibrahim Alhmou (minn hawn il-quddiem magħruf sempliċiment bħala "Alhmou") fl-ammont ta' madwar ħames mitt Liri Maltin (Lm500) (illum madwar elf mija ħamsa u sittin Euro – €1165). Nhar id-29 ta' Lulju 2007 għal ħabta tad-21:00, Alhmou ċempel lil Ismail fuq il-mobile u talbu biex jiltaqgħu l-Imsida, viċin tal-

Bank of Valletta. Alhmou kellu f'moħħu li jissellef aktar flus mingħand Ismail. Biex jaċċerta ruħu li Ismail jmur jiltaqa miegħu, Alhmou ċempillu bl-iskuża li kellu xi xogħol għalih f'xi fond fin-Naxxar. Meta ltaqgħu l-Imsida dak in-nhar stess għal ħabta ta' l-22:00, Alhmou u Ismail qagħdu jitkelmu fil-karozza ta' Ismail, li kienet vann tal-marka Ford Escort, ta' kulur abjad, bin-numru tar-reġistrazzjoni QED-111.

Hemmhekk Alhmou spjega lil Ismail li huwa kellu bżonn aktar flus, madwar mitejn Liri Maltin (illum ċirka erba' mija ħamsa u sittin Euro E465) biex iħallas il-kera tal-flat li kien qed jikri. Ismail m'aċċettax li jsellef aktar flus lil Alhmou u nqala argument bejniethom. Alhmou ħareġ mill-karozza ta' Ismail, qallu biex jistennih hemm, mar fil-flat fejn kien qed jirrisjedi dak iż-żmien, ħa ċ-ċwievet ta' karozza li kienet tinstaq minn kuġinuh (ċertu Khalil), u saq din il-karozza lejn fejn kien ipparkjat Ismail. Kif ra' lil Alhmou, Ismail startja l-karozza tiegħu u beda jsuq. Alhmou saq warajh bil-karozza ta' kuġinuh u baqa jsegwi lill-Ismail. Ismail ġibed lejn Selmun u sadattant Alhmou baqa jsegwih. F'mument minnhom, meta Ismail wasal ħdejn l-irdum ta' Selmun, waqqaf il-karozza viċin ta' l-irdum, tħares lejn il-baħar u Alhmou, li kien laħqu, pparkja l-karozza ta' kuġinuh viċin tal-karozza ta' Ismail. It-tnejn li huma ħarġu mill-karozzi rispettivi.

L-argument kompla. Ġew fl-idejn u spiċċaw quddiem il-karozzi. F'dak il-mument, Alhmou imbotta lil Ismail ma' l-art. Alhmou kien jaħdem ma' kuġinuh Khalil fis-sengħa tat-tqegħid tal-madum. Kien jaf li fil-karozza ta' kuġinuħ kien hemm diversi għodod użati għal dak ix-xogħol. Waqt li ra' lil Ismail ma' l-art, dar lejn in-naħa ta' wara tal-karozza ta' kuġinuh, (li kien vann zgħir ukoll), u ħareġ mazza, b'manku ta' l-injam u ras tal-metall. Alhmou reġa dar lejn Ismail u did-darba beda jagħtih b'din il-mazza fuq in-naħa ta' wara ta' rasu. Bid-daqqiet, tnejn jew aktar, Ismail storda u waqa' ma' l-art. Alhmou kaxkar lil Ismail fil-karozza ta' Ismail, daħlu fil-karozza minn naħa tal-passiġġier u ħalla l-bieba miftuħa. Dar minn naħa tal-bieba tax-xufier, u waqt li Ismail kellu rasu fuq is-seat tax-

xufier, Alhmou kompla jagħti lil Ismail diversi daqqiet b'din il-mazza fuq rasu, b'saħtu kollha.

F'mument minnhom Alhmou waqaf. Waqt li kien allura għadu in parti fil-vann ta' Ismail, neħħa dan il-vann minn fuq il-"gear" (jew aħjar qata' l-van "free" u neħħieh minn fuq il-"handbrake") biex ikun jista jċaqalqu, u waqt li kien hemm Ismail fil-vann sofferenti bid-daqqiet ta' mazza li kien għadu kif qala' mingħand Alhmou, dan ta' l-aħħar imbotta l-vann t'Ismail minn fuq l-irdum ta' Selmun għal isfel fuq il-blat. Minħabba dan l-aġir t' Alhmou u l-impatt li segwa wara, Ismail kompla jsofri grieħi oħrajn f'diversi partijiet ta' ġismu, filwaqt li ġiet kawżata ħsara estensiva lil dan il-vann ta' Ismail, li kaġun ta' l-impatt mal-blat spiċċa "beyond economic repair". Ismail tħalla hemm, kiesah u biered, f'dak il-vann mitluq fuq il-blat.

Wara li waddab dan il-vann għal isfel b'Ismail b'kollox, Alhmou ipprejokkupa ruħu bil-fatt li ma kienx jaf fejn ħalla l-mazza li kien sawwat biha lil Ismail. Għalhekk niżel ma' l-irdum ta' Selmun għal fejn kien spiċċa dan il-vann u mar ifittex din il-mazza, f'tentattiv biex jipprova jeħles minnha. Iżda l-isforzi tiegħu kienu għalxejn, għaliex din il-mazza Alhmou ma rnexxielux isibha.

Sadattant Alhmou rega' lura lejn il-karozza ta' kuġinuh u fi trieqtu lura mill-post tad-delitt, rema' kemm is-sim card kif ukoll il-battery tal-mobile phone ta' Ismail. Baqa jsuq sal-Qajjenza fejn ħasel il-karozza ta' kuġinuh mit-tiċpis tad-demm u rema' l-mobile phone tiegħu u dak li kien għad fadal mill-mobile phone ta' Ismail. Telaq mill-Qajjenza u rħielha lejn l-Imsida fejn fit-triqtu rema' l-flokk li kien liebes u li kien imċappas kollu demm. Meta wasal fil-flat ta' kuġinuh fi Gwardamangia, ħasel ix-"shorts" li kien liebes u li kien ukoll imċappas bid-demm u dendlu fil-gallarija. Wara daħal jorqod ftit.

Ismail Ebdou Abod ġie ċertifikat li miet in konsegwenza għal daqqiet bis-saħħa fuq rasu li waslu għal frattura tal-kranju u emoraġija interna fil-kranju riżultat tat-trawma li sofra mid-daqqiet tal-mazza inflitti lilu minn EBRAHEM ALHAMOW sive IBRAHIM ALHMOU.

Illi għalekk, b'ghemilu, l-imsemmi EBRAHEM ALHAMOW sive IBRAHIM ALHMOU sar ħati ta' omiċidju volontarju u ċioè talli, fil-lejl bejn id-29 u 30 ta' Lulju 2007 fl-irdum ta' Selmun, limiti tal-Mellieħa, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkuża lill-imsemmi EBRAHEM ALHAMOW sive IBRAHIM ALHMOU, ħati ta' omiċidju volontarju u ċioè talli, fil-lejl bejn id-29 u 30 ta' Lulju 2007, fl-irdum ta' Selmun, limiti tal-Mellieħa dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt u jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkuzat EBRAHEM ALHAMOW sive IBRAHIM ALHMOU u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-kap preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u cioè fil-lejl bejn id-29 u t-30 ta' Lulju 2007 fl-irdum ta' Selmun, limiti tal-Mellieħa, l-akkuzat EBRAHEM ALHAMOW sive IBRAHIM ALHMOU, (waqt li l-vann ta' Ismail Ebdou Abod, cioe' vann tal-marka Ford Escort, kulur abjad u bin-numru tar-reġistrazzjoni QED-111 kien jinsab parkeġġat viċin ta' l-irdum ta' Selmun), volontarjament neħħa dan il-van minn fuq il-gear (jew aħjar qata' l-van "free" u neħħieh minn fuq il-"handbrake") biex ikun jista jċaqalqu, u imbotta dan il-van t'Ismail minn fuq l-irdum ta' Selmun għal isfel fuq il-blat. Minħabba din l-azzjoni t'Alhmou u l-impatt li segwa wara, ġiet kawżata ħsara estensiva lil dan il-vann ta' Ismail, li kaġun ta' l-impatt mal-blat spiċċa "beyond economic repair". Il-valur ta' din il-ħsara kienet stmata li tammonta għal madwar elfejn u ħames mitt Liri Maltin (Lm2500) jew illum għal ċirka ħamest elef, tminn mija u tlieta u għoxrin Euro (€5823).

Illi b'għemilu l-imsemmi akkużat EBRAHEM ALHAMOW sive IBRAHIM ALHMOU sar ħati talli fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-kap preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobbli, l-ammont ta' liema ħsara hija iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkuża lill-imsemmi EBRAHEM ALHAMOW sive IBRAHIM ALHMOU ħati talli fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-kap preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli, l-ammont ta' liema ħsara hija iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).
Talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax il-xahar sa erba' snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(a), 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali w tal-akkuzatipprezentat fid-29 ta' Ottubru 2010 fejn, wara li ppremettew li ai termini tal-Artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, kienu qablu li, wara li hadu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, fl-eventwalita' ta' ammissjoni tal-akkuzat ghall-akkuzi dedotti fl-Att ta' l-Akkuza, l-piena li ghandha tinghata minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun dik ta' tmienja w ghoxrin (28) sena prigunerija apparti kull sanzjoni w konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija, talbu li din il-Qorti taghti l-piena fuq imsemmija.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, wara li l-Qorti spjegatlu bi kliem car x'inhuma l-konsegwenzi tat-talba tieghu, l-akkuzat mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li hu kien hati;

Tiddikjara ghalhekk lil Ebrahim Alhamow sive Ibrahim Alhmou hati talli :-
1. fil-lejl bejn id-29 u 30 ta' Lulju 2007, fl-irdum ta' Selmun, limiti tal-Mellieħa doložament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt w dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;
2. fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-kap preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli, l-ammont ta' liema ħsara hija iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) w dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;
Rat il-fedina penali aggornata tal-hati, esebita mill-Prosekuzzjoni w ezaminata mid-Difiza.
Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u, peress illi hija sodisfatta li s-sanzjoni jew kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba mill-Prosekuzzjoni w l-akkuzat kif mitlub fir-rikors kongunt taghhom huma tali li hu legittimu li hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija w li lanqas ghandha ghaliex tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz ghal xi raguni ohra skond il-ligi,

Tiddeciedi ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 211(1)(2), 325(1)(a), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati Ebrahim Alhamow sive Ibrahim Alhmou ghall-piena ta' tmienja w ghoxrin (28) sena prigunerija kif ukoll li jhallas is-somma ta' tmint elef, tmin mija w tnejn u sittin Euro w tmienja w hamsin centezmi (€8862.58), spejjez peritali inkorsi tul dan il-process u tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w li jinsabu esebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------